

# Ġanni Vella 1885-1977



■ Minn kien Ġanni Vella u x'konnessjoni għandu mal-Gżira? Ġanni Vella kien dak li pitter il-kwadru titulari tal-Madonna tal-Karmnu u li nsibu fuq l-artal maġġur ta' din il-knisja.

Ġanni Vella twieled Bormla nhar id-9 ta' Mejju 1885. Kien għadu l-iskola meta ġie imqabbad jagħmel xi pitturi u decorazzjonijiet oħra għall-festi tal-Immakulata Kunċizzjoni ġewwa Bormla. Ix-xogħolijiet tiegħu impressjonaw lill-artist Taljan Attilio Palombi li kien qed jagħmel xi xogħol ġewwa il-Knisja ta' San Pawl il-Belt Valletta. Għal seba' snin Vella ħadem bħala apprentist fuq xogħol ta' affresk ġewwa knejjes oħra lokali ma' Palombi. Kien ġie impjegat bħala mastru fit-tpenġija mad-dipartiment tal-Edukazzjoni u ikkomissjonat minn Albert Laferla biex jagħmillu illustrazzjoni għall-ktieb tiegħu "The Story of Man in Malta".

Fuq rekomandazzjoni ta' Palombi, Vella mar Ruma fis-sena 1907 għal aktar studji fil-British Academy u l-Accademia di Belle Arti. Hu studja taħt il-Professuri: Spinetti, Bruschi, u Borgogelli u kien ippremjat diversi premijiet għall-pitturi li esebixxa f'esebizzjonijiet internazzjonali. Il-ministru tal-kultura Taljan ukoll ipremjah bi premju speċjali għall-pittura tiegħu bl-isem ta' Villa Borghese stotto Neve, li kienet xogħol biż-żejt. Hu anke esebixxa xogħolijiet minn tiegħu madwar bliet ewlenin fl-Italja. Fis-sena 1912, Vella ġie lura Malta u fetaħ studju fil-Belt Valletta. Hu ħaddem għall-50 sena f'kull knisja u kappella f'Malta u Għawdex. L-ewwel xogħol kbir tiegħu kien il-Qalb ta' Ġesù għall-Knisja tal-Karmelitani ġewwa Birkirkara, u xogħol tiegħu kien apprezzat ħafna. Aktar tard kien ġie kommissjonat biex ikompli ix-xogħol fuq l-affreski tal-Knisja ta' San Publiju fil-Floriana u biex jiddekora is-saqaf u l-apside ġewwa il-Kattidral ta' Għawdex.

Vella għamel xogħolijiet ta' pitturi u dekorazzjonijiet fil-koppli, Lunette, soqfa, u artali fil-knisja tal-Agustini u fil-knisja ta' San Franġisk fil-Belt Valletta; fil-knejjes parrokkjali tal-Marsa, Tarxien, Għaxaq, Safi, Gżira, Naxxar, Birkirkara, Lija, Mellieħa u Żurrieq f'Malta u Qala, Nadur Xagħra, Sannat, Munxar u San Lawrenz f'Għawdex. Vella iddekorra villel u anke djar. Hu ipitter biż-żejt, kuluri tal-ilma, lapes u medjum oħra. Vella, kien ukoll ipenġi cartoons sateriċi fuq il-gazzetta "Il-Ħmara", introduċa ukoll l-ispirtu artistiku fil-karnival meta 1927, għamel maskri trionfali u maskri grotteski.



Vella kien jesebixxi xogħolijiet minn tiegħu waqt esebizzjoni ta' kull sena li kienet isir ġewwa Trade Fair Grounds fin-Naxxar. Fis-sena 1976, il-Kunsill Malti tas-Soċjetà f'Arti, Manifattura u Kummerċ ipremja lil Vella b'medalja tad-deheb bħala rikonoxximent għall-attivitajiet u xogħolijiet mifruxa f'arti waqt li t-television Malti pproduċa dukumentarju fuq il-ħajja tiegħu. Vella miet nhar it-3 ta' Settembru 1977. Imma f'1983 ġiet imtella' esebizzjoni ta' pitturi ta' Vella ġewwa il-Museum tal-Arkijoloġija fil-Belt Valletta. Vella kien miżżewweġ lil Mary Chretien u kellhom tifla Maria u żewġ subien, Aldo u Beppe.

*Ref: Mill-ktieb "Maltese Biographies of the Twentieth Century" Michael J. Schiavone u Louis J. Scerri "pin" Pubblikazzjoni Indipendenza. Edizzjoni 1997.*

*Din il-kwadru huwa xogħol Ġanni Vella u huwa it-titular tal-Knisja Parrokkjali tal-Gżira u jinsab fuq l-artal maġġur. Vella ħadem dan il-kwadru fis-sena 1935*